MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 644/2002/1

**Cauchi Brothers Construction Company Limited**

**vs**

**Hix Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici li in forza taghha, wara li ppremetta illi;

Is-socjeta’ attrici giet kommissjonata mis-Socjeta’ konvenuta biex tezegwixxi appalt konsistenti f’xogholijiet ta’ twaqqigh u kostruzzjoni fuq is-sit tal-fond Numru 93 Triq it-Torri, Sliema;

Ghall-ezekuzzjoni ta’ dan l-appalt is-Socjeta’ attrici ghad baqala tircievi s-somma bilancjali ta’ sitt elef lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm6,001.81);

Is-socjeta’ konvenuta *nonostante* li giet interpellata biex thallas baqghat inadempjenti;

Talbu lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispens tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm6,001.81) hlas bilancjali dovut ghall-appalt ezegwit mis-socjeta’ attrici kif fuq inghad.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Gunju, 2001 u tal-ittri legali tat-22 ta’ Awissu, 2001 u 20 ta’ Novembru, 2001 kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Lulju, 2002, li in forza tieghu gie akkordat lis-socjeta’ konvenuta l-fakulta li tikkontesta l-kawza u b’hekk idderimiet l-ewwel talba attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *in kwantu*:

a) Fl-ewwel lok l-esponenti ma jaqbilx mal-kont tas-socjeta’ attrici *stante* li hu eccessiv.

b) Fit-tieni lok *in kwantu* ghal hlasijiet imsemmija fl-*statement* tas-socjeta’ attrici, maghmula mis-socjeta’

konvenuta, hemm hlasijiet ohra li saru mill-istess socjeta' konvenuta li ma jirrizultawx mill-istess *statement*.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat il-verbal redatt waqt is-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2002, fejn is-socjeta' attrici accettat li mis-somma mitluba ghandha tonqos is-somma ta' Lm139.04;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Gunju, 2004, li in forza tieghu inhatar bhala perit tekniku, l-AIC Joseph Ellul Vincenti, sabiex, *a spejjez* provizorjament tas-socjeta' konvenuta, jirrelata jekk intuzawx travi, kif qed tallega s-socjeta' attrici, jew travetti, kif qed tallega s-socjeta' konvenuta, b'riferenza ghal blajjet fuq it-twieqi u l-bibien fil-fond 93, Tower Road, Sliema;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku epprezentat fid-19 ta' Awissu, 2004, u minnu mahluf fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2004;

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li f'din il-kawza s-socjeta' attrici wettqet appalt ta' twaqqigh u kostruzzjoni fuq is-sit tal-fond numru 93, Triq it-Torri, Sliema, liema inkarigu inghata lilha mis-socjeta' konvenuta. Meta s-socjeta' konvenuta lestiet ix-xoghol taghha, qabdet lid-ditta tal-periti Raniolo & Bencini, li taht is-supervizzjoni taghha saru x-xogholijiet, biex

tohrog il-kont. Din harget il-kont tax-xoghol li sar, u s-socjeta' attrici, wara li hadet *in* konsiderazzjoni l-pagamenti akkonti li saru, resqet il-kawza ghal-hlas tal-bilanc ta' Lm6,001.81. *In segwitu* accettat li minn din is-somma ghandha tonqos is-somma ulterjuri ta' Lm139.04, u wara li ghamlet konteggi ulterjuri, resqet *statement* iehor li jindika bilanc ta' Lm5862.77. L-ilment tas-socjeta' konvenuta mhux fuq il-kwalita' tax-xoghol, izda li (a) saru pagamenti akkont li ma humiex inkluzi fl-*statement* tas-socjeta' attrici, u (b) li hi giet addebitata bi prezz ta' materjal li ma giex utilizzat fl-appalt *in kwistjoni.*

Fuq dan l-ahhar ilment is-socjeta' konvenuta allegat li, fil-waqt li ghal-blajjit ta' fuq it-twieqi u l-bibien, intuzaw travetti, il-kont qies li intuzaw travi, b'mod li hi giet mitluba thallas madwar Lm40 aktar ghal kull blata, u dan peress li l-ispiza ghat-travi hija aktar gholja mit-travetti li fil-fatt intuzaw. Fuq din il-kwistjoni, l-Qorti hatret bhala persuna teknika biex jassisstiha lill-AIC Joseph Ellul Vincenti li irrelata li, fil-waqt li jaqbel, *in principju*, fid-differenza bejn travi u travetti u l-ispiza relattiva, wara li ezamina l-kont mahrug mid-ditta Raniolo & Bencini, li dwaru ilmentat is-socjeta' konvenuta, qies li dak il-kont jiehu *in konsiderazzjoni* d-distinzjoni bejn travi u travetti, u qies li l-kont hu gust u tajjeb u ghandu jigi ikkonsidrat favorevolment.

Dan ir-rapport iwaqqa' it-tieni ilment tas-socjeta' konvenuta ghax minnu jirrizulta li, ghar-rigward tar-rati ta' travi u travetti, il-kont mahrug jirrifletti x-xoghol li twettaq f'kull kaz, u ma jirrizultax li l-kont hu eccessiv ghax jinkludi stima ta' materjal li ma ntuzax fuq is-sit.

Dwar l-ilment tas-socjeta' konvenuta li hi ghamlet pagamenti akkont li ma jidhrux fl-*statement* tas-socjeta' attrici, din il-Qorti tinnota, fl-ewwel lok, li ebda naha ma zammet *records* precizi tal-hlasijiet li saru, u ghalhekk, kien hemm certu diffikulta biex jigi stabbilit b'ezattezza x'kienu l-hlasijiet akkont li saru. Il-Qorti, biex tasal ghal-konkluzzjoni taghha, ghamlet s-segwenti ezercizzju.

Mehud kont tal-ammont ta’ Lm139.04 li s-socjeta’ attrici accettat li ghandu jitnaqqas, is-somma kollha dovuta lis-socjeta’ konvenuta kienet tammonta ghal-Lm17,762.77.

Is-socjeta’ konvenuta tghid li ghamlet dawn il-pagamenti:

(i) Lm4,700 = hlasijiet varji minn Dicembru 1996 sa Jannar 1998

(ii) Lm3,000 = 23 ta’ April, 1998

(iii) Lm3,000 = 19 ta’ Mejju, 1998

(iv) Lm2,000 = 14 ta’ Lulju, 1998

(v) Lm2,000 = 28 ta’ Lulju, 1998

(vi) Lm2,832 = 30 ta’ Awissu, 1998

(vii) Lm500 = 28 ta’ Dicembru, 1998

Minn dawn il-pagamenti l-Qorti tirrileva illi, dwar *item* (i) is-socjeta’ konvenuta tammetti li l-hlas kien ta’ Lm4,400, izda s-socjeta’ konvenuta esebiet il-kopji tac-*cheques* relattivi li jindikaw li l-pagament kien ghal-total ta’ Lm4,700.

Dwar zewg hlasijiet ta’ Lm3,000-il wahda, indikati taht *items* (ii) u (iii), is-socjeta’ konvenuta ma resqet ebda prova tal-hlas, izda dan gie ammess mis-socjeta’ attrici stess, kemm fl-*statement* li pprezentat mac-citazzjoni, kif ukoll fl-*statement* li pprezentat fil-kors tal-kawza, u precizament fis-17 ta’ Frar, 2003. F’dan l-ahhar *statement*, is-socjeta’ konvenuta spjegat ukoll kif iddisponiet mill-hlas li rceviet; fl-ewwel *statement* li resqet is-socjeta’ attrici bhala l-bazi tal-azjoni taghha, dawn iz-zewg hlasijiet huma ammessi bla rizervi.

Iz-zewg pagamenti ta’ Lm2,000-il wiehed mhux ammessi mis-socjeta’ attrici, *pero’*, is-socjeta’ konvenuta esebiet kopja ta’ zewg *bank drafts* ta’ Lm2,000-il wahda mahruga mill-*HSBC Bank Malta p.l.c. a favur* is-socjeta’ attrici,

liema *drafts* jidher li gew imsarfa u depositati fil-kont bankarju tas-socjeta' attrici. *Kwindi*, dawn iz-zewg pagamenti gew ippruvati li saru.

Il-pagament ta' Lm2,832 allegat li sar mis-socjeta' konvenuta u indikat bhala *item* (vi) la gie ammess u lanqas pruvat, u *kwindi* fid-dawl tal-principju li min jallega pagament ghandu l-oneru li jippruvah (ara, per ezempju, "Zammit vs Galea", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003), il-Qorti ma tistax taccetta l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li hija kienet ghamlet dan l-allegat pagament. Fuq kollox, eventwalment, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ammetta li m'ghadhiex id-*draft* relattiv lis-socjeta' attrici.

L-ahhar pagament ta' Lm500 allegat mis-socjeta' konvenuta huwa ammess u accettat mis-socjeta' attrici.

*Kwindi,* meta tqies il-pagamenti ammessi u pruvati, is-somma dovuta lis-socjeta' attrici tirrizulta hekk:

Lm17,762.77 – Lm4,700 – Lm 3,000 – Lm3,000 – Lm2,000 – Lm2,000 – Lm500 = Lm2,562.77

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet esposti, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u wara li tilqa' *in parte* it-tieni eccezzjoni, tilqa' *in parte* it-tieni talba attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,562.77 (elfejn u hames mija u tnejn u sittin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu), hlas bilancjali dovut ghall-appalt ezegwiet mis-socjeta' attrici, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, il-Qorti tordna li l-ispejjez *in konnessjoni* mar-relazzjoni peritali jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta, waqt li l-ispejjez l-ohra kollha jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------